



## Ġabra tal-ġurisprudenza

DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

24 ta' April 2015\*

“Ftuħ tal-proċedura orali — Żamma ta' seduta”

Fil-Kawża C-203/14,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunal Català de Contractes del Sector Públic (Spanja), permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Marzu 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta' April 2014, fil-proċedura

### **Consorti Sanitari del Maresme**

vs

### **Corporació de Salut del Maresme i la Selva**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, K. Lenaerts, viċi President, A. Tizzano, R. Silva de Lapuerta, T. von Danwitz, A. Ó Caoimh, J.-C. Bonichot, C. Vajda, S. Rodin, Presidenti ta' Awla, A. Arabadžiev, M. Berger (Relatur), E. Jarašiūnas, C. G. Fernlund, J. L. da Cruz Vilaça u F. Biltgen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Jääskinen,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali,

tagħti l-preżenti

### **Digriet**

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 1(8) u 52 tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 134, Vol. 114, p. 132).
- 2 Din it-talba ġiet ippreżentata wara rikors amministrattiv speċjali fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi mill-Consorti Sanitari del Maresme (konsorzju tas-saħħa tad-distrett ta' Maresme) intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni li biha l-kummissjoni ta' aġġudikazzjoni tal-Corporació de Salut del Maresme i la Selva (kollettività tas-servizzi tas-saħħa tad-distretti ta' Maresme u ta' la Selva) irrifjutat

\* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

lil dan il-konsorzju l-parteċipazzjoni f'sejħa għal offerti miftuħa għall-aġġudikazzjoni ta' servizzi ta' risonanza manjetika għaċ-ċentri tal-kura mmexxija mill-Corporació de Salut del Maresme i la Selva u, min-naħa l-oħra, li dan il-konsorzju jiġi ammess fil-proċedura.

- 3 B'deċiżjoni tat-13 ta' Jannar 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja assenjat il-kawża lis-Sitt Awla u ddeċidiet, b'applikazzjoni tal-Artikolu 76(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, li ma żżommx seduta għat-trattazzjonijiet. Barra minn hekk, hija ddeċidiet li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali.
- 4 Peress li qamu xi dubji dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar indirizzat, fid-9 ta' Frar 2015, talba għal kjarifika lit-Tribunal Català de Contractes del Sector Públic (tribunal Katalan tal-kuntratti tas-settur pubbliku). Huwa rrisponda għal din it-talba permezz ta' ittra tat-12 ta' Frar 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Frar 2015.
- 5 Fid-dawl tal-kjarifiki mogħtija mit-Tribunal Català de Contractes del Sector Públic, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li huwa neċessarju li tinżamm quddiemha diskussjoni fil-fond. Hija ddeċidiet li tassenja mill-ġdid il-kawża preżenti lill-Awla Manja, li ser tieħu deċiżjoni wara li l-Avukat Ġenerali jkun ippreżenta l-konklużjonijiet tiegħu.
- 6 Fil-fatt, minn dawn il-kjarifiki jirriżulta li r-rikors amministrattiv speċjali fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi, li huwa s-suġġett tal-proċedura fil-kawża prinċipali, għandu natura fakultattiva, li d-deċiżjoni li biha ser tingħata deċiżjoni fuq dan ir-rikors ser ittemm ir-rimedju amministrattiv u li din id-deċiżjoni tkun tista', sussegwentement, tkun is-suġġett ta' rikors ta' kontenżjuż amministrattiv ordinarju ("contencioso-administrativo").
- 7 Issa, tqum il-kwistjoni li jsir magħruf jekk it-Tribunal Català de Contractes del Sector Públic jissodisfax il-kriterji stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jiġi kklassifikat bħala qorti, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE.
- 8 Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, għaldaqstant, li hemm lok li tinżamm seduta sabiex tippermetti, lill-partijiet interessati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, jesprimu l-perspettiva tagħhom fuq il-kwistjoni indikata fil-punt 7 ta' dan id-digriet.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tordna:

- 1) **Il-proċedura orali fil-Kawża C-203/14 hija miftuħa.**
- 2) **Id-data tas-seduta għandha tiġi ffissata b'att separat.**
- 3) **Il-partijiet interessati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea huma mitluba jesprimu l-perspettiva tagħhom eventwali fuq il-kwistjoni li jsir magħruf jekk it-Tribunal Català de Contractes del Sector Públic (Spanja) jissodisfax il-kriterji stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jiġi kklassifikat bħala qorti, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE.**
- 4) **L-ispejjeż huma rriżervati.**

Firem